MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Numru. 1248/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NICOLAI SANT**

**KONTRA**

**KEVIN JOSEPH CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kevin Joseph Camilleri ta’ 29 sena, iben Anthony u Agnes nee’ Mifsud, mwieled Pieta’, nhar it- 3 ta’ Frar 1979, residenti fil- fond nru. 10, Sqaq ir- Ruzarju, Gharghur u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 91579(M);

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 18 ta’ Novembru 2008 ghall- habta ta’ 11.45hrs:

1) ikkommetta serq ta’ vettura tal- ghamla Toyota Hilux bin- numru tar- registrazzjoni DAV 964 minn Triq il-Gnien, Gharghur, ghad- dannu ta’ Thomas Azzopardi minn Gharghur liema serq huwa aggravat bil- valur li jeccedi l- elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) Ikkommetta serq ta’ Senter ta’ tip Benelli G54567 minn vettura tal- ghamla Toyota Hilux bin- numru tar-registrazzjoni DAV 964 ghad- dannu ta’ Thomas Azzopardi minn Gharghur;

3) Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa , mehuda b’qerq jew akkwistahom b’reat, jew xjentement b’kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

4) Kiser il- kundizzjoni moghtija lilu mill- Qorti b’sentenza f’ Awla 3 nhar is- 16 ta’ Jannar 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

Rat illi ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda

ta’ Gudikatura Kriminali, u ghaldaqstant setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Bis-sahha tal-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti sejra taghti s-sentenza, wara li semghet lill-Ufficjal tal-Probation u wara li hadet konjizzjoni tal-kontenut tad-dokumenti esebiti. Huwa car ghall-Qorti li l-imputat ghandu problema gravi hafna ta’ xorb. Dan jistqarru hu stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu, u jirrisulta ukoll mit-tip ta’ reat li hu wettaq – li ma kienx l-ewwel darba li gara. Il-Qorti rat ukoll li s-sentenza ta’ prigunerija sospiza dahlet fis-sehh b’sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell, u ghaldaqstant il-Qorti m’hix sejra tikkunsidraha ghall-finijiet ta’ piena.

Bhala fatt, ghalhekk, jidher li l-imputat illum qed jiskonta sentenza ta’ habs, u aktar importanti minn hekk, qed ifittex ghinuna b’mod konkret u konsistenti biex jeghleb il-vizzju tax-xorb. Hu qieghed in kuntatt mal-Agenzija Sedqa ghal dan il-ghan, u l-Qorti sejra tiehu hsieb li bhala parti minn din is-sentenza l-imputat jintrabat li jkompli jattendi ghal kwalunkwe program biex jirbah din il-problema. Mill-assjem tal-provi li l-Qorti esaminat, ma jirrisultax li ghandha quddiemha xi kriminal li qed ighix hajja refrettarja, ghalkemm wettaq reati ta’ certa portata. L-imgieba tal-imputat hi aktar konsoni ma’ persuna li titlef kull sens ta’ raguni u ta’ proporzjon f’hajjitha minhabba fil-konsum eccessiv tal-alkohol, u hija proprju dik il-kundizzjoni li trid tigi ttrattata. Inoltre, peress li hu gia’ qed jiskonta sentenza ta’ prigunerija, il-Qorti hi tal-fehma li sentenza ohra ta’ prigunerija tkun ta’ piz kbir wisq ghalih. Ghalhekk sejra tipprovdi fil-konfront tal-imputat billi tordna sanzjoni fuqu fil-komunita’, sabiex ikompli jsib l-assistenza mehtiega wara li jkun skonta s-sentenza gewwa l-habs li gia’ ghandu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261, 267, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tordna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 ghal perijodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti rat ukoll li t-tielet imputazzjoni, u cioe' dik ta' ricettazzjoni, inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet, u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha;

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------